MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 138/2019 LM

**Caremalta Limited (C 28382)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Nathalie Zammit Alamango (K.I. nru. 82261(M)) u skont il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2020 ġew imsejħin fil-kawża Phillip Alamango (K.I. nru. 376451(M)), Miriam Friggieri (K.I. nru. 358056(M)) u Nikita Zammit Alamango (K.I. nru. 349189(M))**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Caremalta Limited (C 28382)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] minn deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Jannar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal

għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda ir-rikors tagħha fil-konfront tal-intimata **Nathalie Zammit Alamango (K.I. nru. 82261(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata Zammit Alamango'] u tal-imsejħa fil-kawża **Phillip Alamango (K.I. nru. 376451(M)), Miriam Friggieri (K.I. nru. 358056(M))** u **Nikita Zammit Alamango (K.I. nru. 349189(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-imsejħa fil-kawża'] billi laqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango u tal-imsejħa fil-kawża Nikita Zammit u llibera lill-imsejħa msejħa fil-kawża Miriam Friggieri mill-osservanza tal-ġudizzju, sabiex b'hekk ċaħad it-talbiet kollha tas-soċjetà appellanta, bl-ispejjeż kontriha.

## Fatti

2. Il-każ odjern jirrigwarda ammont pretiż mis-soċjetà appellanta ta' €2,052.54, rappreżentanti bilanċ tal-valur ta' servizzi mediċinali u ta' akkomodazzjoni fid-dar residenzjali 'Roseville' li ġew prestati minnha lid-defunta omm l-appellata Zammit Alamango u l-imsejħa fil-kawża Philip Alamango u Miriam Friggieri, li kien jisimha Mary Alamango [minn issa 'l quddiem 'id-defunta'], allegatament fuq l-inkarigu tal-appellata Zammit Alamango. Minkejja li din tal-aħħar ġiet interpellata diversi drabi, anki permezz ta' ittra uffiċjali, sabiex tħallas l-ammont pretiż, hija baqgħet inadempjenti.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal fil-konfront tal-appellata Zammit Alamango permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fl-20 ta' Ġunju, 2019, fejn ressqet il-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta'

€2,052.54, flimkien mal-ispejjeż ta’ dik il-proċedura, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru. 366/2018, u bl-imgħax legali mill-1 ta’ Jannar, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-appellata Zammit Alamango eċċepiet: (a) il-ġudizzju ma kienx wieħed integru għaliex il-proċeduri kellhom isiru kontra l-werrieta kollha; (b) l-ammont pretiż ma kienx dovut stante li hu preskritt a tenur tal-para. (b) tal-artikolu 2147 u/jew il-para. (b) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili; (ċ) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Wara d-digriet tat-Tribunal tas-26 ta’ Frar, 2020, l-imsejħa fil-kawża Nikita Zammit Alamango ppreżentat it-tweġiba tagħha fil-5 ta’ Ottubru, 2020 fejn eċċepiet: (a) hija ma kinitx it-tifla u lanqas il-werrieta tal-mejta Maria Alamango, imma t-tifla tal-appellata Zammit Alamango, u għaldaqstant ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellanta; (b) l-ammont pretiż kien preskritt a tenur tal-para. (h) tal-artikolu 2147 jew tal-para. (h) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili; (ċ) salv eċċezzjonijiet oħra. L-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango wieġeb fl-istess jum, fejn eċċepixxa li: (a) il-ġudizzju ma kienx wieħed integru għaliex il-proċeduri kellhom isiru kontra l-werrieta kollha; (b) l-ammont pretiż ma kienx dovut stante li hu preskritt a tenur tal-para. (b) tal-artikolu 2147 u/jew il-para. (b) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili; (ċ) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Permezz tad-digriet tiegħu tas-6 ta’ Lulju, 2021, it-Tribunal ordna li *ai termini* tal-artikolu 961 tal-Kap. 12 għandu jisejjaħ fil-kawża wkoll John Alamango.

## Id-Deċiżjoni Appellata

7. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal*

***i. Kwistjonijiet preliminari***

*Permezz ta' din il-kawża, is-soċjetà attriċi titlob li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża jkunu kkundannati jħallsuha s-somma prinċipali ta' elfejn u tnejn u ħamsin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€2,052.54). Is-sustanza tal-Avviż tat-Talba (fol. 2) ma jispjegax eżattament f'liema żmien ġew ipprestati s-servizzi li tagħhom is-soċjetà attriċi qed titlob il-ħlas. Iżda l-ewwel paġna tal-Avviż tat-Talba (fol. 1), fil-kaxxa indikata "META", tindika s-snin "2016-2017".*

*Huwa evidentissimu miċ-ċertifikat tal-mewt (fol. 113) kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuti kollha li Maria Alamango (45627M) mietet nhar is-27 ta' Marzu 2017 f'Ħ'Attard.*

*Kien aċċettat mill-partijiet li sabiex il-ġudizzju jkun integru, il-kawża kellha tkun diretta mhux biss kontra Nathalie Zammit Alamango bħala bint il-mejta Maria Alamango iżda anki kontra l-ulied l-oħrajn ta' Maria Alamango.*

*Fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2021, ix-xhud Philip Alamango spjega li minbarra hu, ulied Maria Alamango kienu:*

*- Nathalie Zammit Alamango (il-konvenuta oriġinali);*
*- Miriam Friggieri (li ddikjarat li kienet qed tirrinunzja għall-wirt skont id-dokument a fol. 95);*
*- Manfred Alamango (li kien diġà miet); u*
*- John Alamango.*

*It-Tribunal jirrileva li billi Manfred Alamango diġà miet, ma jistax jissejjaħ fil-kawża.*

*Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2020, l-Avukat Dr Siegfried Borg Cole qal li kien tħalla barra John Alamango, li huwa wkoll wieħed mit-tfal tal-mejta Maria Alamango. L-Avukat Dr Massimo Vella (għas-soċjetà attriċi) qal li kien ser jirregola ruħu dwar dak. It-Tribunal josserva li minkejja dan, John Alamango qatt ma ġie msejjaħ fil-kawża. Imbagħad, kif ġià ngħad, permezz tal-verbal tas-6 ta' Diċembru 2021, il-partijiet qablu li ma kienx hemm bżonn li John Alamango jkun imsejjaħ fil-kawża.*

*Għalhekk, il-kwistjoni dwar is-sejħa fil-kawża ta' diversi persuni issa ġiet solvuta. Il-kawża ser tibqa' kontra Nathalie Zammit Alamango, Philip Alamango, Miriam Friggieri u Nikita Zammit Alamango.*

*ii. <u>Ir-risposti tal-konvenuta u tal-kjamati fil-kawża u l-eċċezzjonijiet imqanqlin</u>*

*It-Tribunal reġa' ra sewwa r-risposta tal-konvenuta Nathalie Zammit Alamango u ra li l-eċċezzjonijiet tagħha kienu n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju kemm-il darba ma jissejħux fil-kawża ħutha u l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2147(b) u/jew 2149(b) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019, il-konvenuta Nathalie Zammit Alamango rtirat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*It-Tribunal jinnota li Nathalie Zammit Alamango ma ressqet ebda eċċezzjoni dwar il-mertu. Minn imkien ma jirriżulta li hija ressqet xi eċċezzjoni fis-sens li qalet li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi mhuwiex dovut. Lanqas ma eċċepiet, pereżempju, li mhuwiex minnu li s-servizzi relattivi ġew ipprestati lil ommha.*

*Huwa għalhekk evidenti li Nathalie Zammit Alamango ma fadlilha ebda eċċezzjoni attiva. Madankollu, dan ma jfissirx li t-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom ikunu awtomatikament milqugħa fil-konfront tagħha.*

*Jirriżulta mid-dokument MF1 (fol. 95) li Miriam Friggieri, li kienet ġiet imsejħa fil-kawża, irrinunzjat għall-wirt ta' ommha permezz ta' att redatt min-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa datat 27 ta' Lulju 2019 u insinwat fit-30 ta' Awwissu 2019. Ir-rinunzja għall-wirt seħħet madwar sena qabel hija ġiet innotifikata bl-atti ta' din il-kawża (ara r-riferta a fol. 93 li tindika li n-notifika saret fid-9 ta' Lulju 2020).*

*Qabelxejn it-Tribunal josserva li l-kjamata fil-kawża Miriam Friggieri messha ressqet risposta b'eċċezzjoni formali u messha annettiet il-prova tar-rinunzja mal-istess risposta. Dak huwa l-mod kif imorru l-affarijiet. Però siccome li proċeduri quddiem dan it-Tribunal huma ikkaratterizzati minn sens ta' inqas rigorożità, mhuwiex meqjus prattiku jew addirittura desiderabbli li difett proċedurali jitħalla jissupera s-sustanza, u dan anki skont diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li esprimew dan il-ħsieb. Inoltre, teżisti l-preżunzjoni* iuris tantum *prevista mill-Artikolu 629(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li l-atti u r-reġistri tan-nutara pubbliċi huma ammissibbli u jistgħu jippruvaw dak li jkun fihom, kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju. Għalhekk, it-Tribunal mhux ser jinqeda bin-nuqqas ta' Miriam Friggieri inkwantu naqset li tippreżenta risposta formali meta mbagħad, l-effett konkret jispiċċa essenzjalment iġib fix-xejn ir-rinunzja tal-wirt u l-effetti tagħha. Dan ma jkunx sewwa, speċjalment ladarba r-rinunzja tal-wirt ma ġietx attakkata.*

*Minħabba r-rinunzja tal-wirt, it-Tribunal qiegħed jillibera lil Miriam Friggieri mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Hemm risposta oħra a fol. 97. Għalkemm din ir-risposta tindika l-isem "Nathalie Zammit" fil-kaxxa intestata "KONVENUT", it-tieni paġna tar-risposta tindika li fil-fatt, din hija risposta ta' Nikita Zammit Alamango. Din il-persuna eċċepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2147(b) u/jew 2149(b) tal-Kodiċi Ċivili u ressqet eċċezzjoni oħra fis-sens li hi ma kinitx werrieta tad-defunta Mary Alamango. Hija qalet li hija kienet bint Nathalie Zammit Alamango. Dan ifisser li d-defunta Mary Alamango hija n-nanna tagħha. Hija qalet li ma kellha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Din l-eċċezzjoni ta' Nikita Zammit Alamango ser tkun ittrattata flimkien mal-ewwel eċċezzjoni ta' Philip Alamango.*

*Ir-risposta a fol. 99 hija tal-kjamat fil-kawża Philip Alamango. Minbarra li huwa eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2147(b) u/jew 2149(b) tal-Kodiċi Ċivili, huwa qal (fl-ewwel eċċezzjoni):*

> "Illi fl-ewwel lok l-avviż huwa intavolat kontra Nathalie Zammit Alamango, meta s-servizzi allegatament reżi mir-rikorrenti huma lil Maria Alamango li mietet 27 ta' Marzu 2017. Għalhekk, se mai, jekk hemm xi talba, din kellha ssir kontra l-werrieta tal-istess Maria Alamango li del resto tnejn minnhom huma tnejn mill-istess nies li hemm indikati fid-Dokument CM2 anness mal-avviz u li hemm huma indikati bħala Payers' Contact Details u għalhekk, fin-nuqqas, il-ġudizzju ma jkunx integru."

*Meqjusin ir-risposti kollha li jinsabu fl-atti, it-Tribunal ma jista' jara ebda eċċezzjoni li tgħid li fil-fatt, l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi mhuwiex dovut jew li mhuwiex minnu li s-servizzi relattivi ġew ipprestati lid-defunta Mary Alamango. Anzi, jingħad fl-ewwel eċċezzjoni ta' Philip Alamango, suċitata, mhux li l-ammont mitlub mhuwiex dovut, imma jekk se mai huwa dovut, it-talba kellha ssir kontra wlied id-defunta Mary Alamango iżda fil-kwalità tagħhom ta' werrieta tad-defunta.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, din l-eċċezzjoni ta' Philip Alamango hija korretta. Is-soċjetà attriċi pprestat is-servizzi tagħha lil Mary Alamango. Għalhekk, kienet din l-istess Mary Alamango li kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Meta hija mietet, daħlu minflokha l-werrieta tagħha. Huwa ovvju li s-soċjetà attriċi ma tatx kas min kienu l-werrieta u assumiet li l-persuni li kienu indikati fid-dokument CM2, bħala persuni li tagħhom is-soċjetà attriċi kellha l-*contact details*, kienu l-werrieta. Meta waslet għall-ftuħ tal-kawża, is-soċjetà attriċi qabdet l-isem ta' Nathalie Zammit Alamango u ddeċidiet li tiftaħ il-kawża kontra din l-istess persuna. Filfatt, iżda, il-kawża kellha tinfetaħ kontra Nathalie Zammit Alamango u ħutha, mhux personalment, iżda fil-kwalità tagħhom qua eredi tad-defunta Mary Alamango. In*

*sostenn ta' dan, it-Tribunal jirreferi għad-deċiżjoni tiegħu stess (diversament ippresedut) fl-ismijiet* **Avukat Dottor John Bonello vs. Christopher Bonello et** *(deċiża fid-9 ta' Jannar 2019), partikolarment paġna 23 tal-istess deċiżjoni.*

*Għall-istess raġunijiet appena mfissra, it-Tribunal isib li Nikita Zammit Alamango għandha raġun teċċepixxi li hija m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi.*

*Konsegwentement, it-Tribunal m'għandux għalfejn iqis l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni u lanqas jekk il-kalkoli matematiċi tas-soċjetà attriċi humiex korretti.*

***Deċide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti u d-dokumenti ppreżentati u sema' lix-xhieda, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Philip Alamango, jilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Nikita Zammit Alamango, jillibera lil Miriam Friggieri mill-osservanza tal-ġudizzju, u jiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi."*

## L-Appell

8. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2022, fejn qegħda titlob sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u minflok tilqa' it-talbiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati, jew min minnhom jiġi kkunsidrat li huwa obbligat għall-ħlas tal-ammont pretiż minnha. Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) id-deċiżjoni tat-Tribunal fejn ċaħad it-talba tagħha hija msejsa b'mod anti-ġuridiku u tinjora prinċipji elementari tad-dritt tas-suċċessjoni; u (b) it-Tribunal ma tax każ il-pożizzjoni partikolari ta' Nathalie Zammit Alamango u ta' Philip Alamango.

9. L-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango wieġeb fit-8 ta' Marzu, 2022 fejn sostna li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għaldaqstant timmerita konferma għar-raġunijiet li huwa jfisser fit-tweġiba tiegħu.

10. L-appellata Zammit Alamango u l-imsejħa fil-kawża l-oħra għażlu li ma jweġbux.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellata Zammit Alamango u tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango.

12. Is-soċjetà appellanta tispjega li l-ewwel aggravju tagħha huwa li l-bażi li fuqha t-Tribunal għażel li jiċħad it-talba tagħha, hija għal kollox anti-ġuridika u tiskarta l-prinċipji elementari tad-dritt tas-suċċessjoni. Tissottometti li t-Tribunal kien għal kollox żbaljat meta ddeċieda li meta jiġu ntavolati proċeduri fil-konfront ta' persuna, għandha ssir distinzjoni dwar jekk l-imsemmija proċeduri huma kontra dik il-persuna personalment jew fil-kwalità tagħha ta' eredi. Is-soċjetà appellanta tgħid li mal-ftuħ tas-suċċessjoni sseħħet it-trasmissjoni tal-patrimonju tad-*decujus* lill-eredi, inkluż id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tad-defunt. Wara li tiċċita lill-awturi Franċiżi Aubry et Rau u lill-awtur Taljan Bianca in sostenn tas-sottomissjoni tagħha, tkompli tgħid li l-eredi jaċċetta l-ġeneralità tar-rapporti ġuridiċi tad-defunt, anki l-obbligi tiegħu, daqslikieku kien hu li daħal għalihom. Għalhekk ma kienx hemm bżonn li f'proċeduri kontra l-eredi sabiex dan jirrispondi għad-dejn ereditarju, jiġi ndikat li dan ikun qed jiġi mħarrek bħala eredi jew f'ismu personali, għaliex il-patrimonju tal-eredi huwa wieħed. Tikkontendi li t-Tribunal ħoloq distinzjoni meta qal li *"il-kawża kellha tinfetaħ kontra Nathalie Zammit Alamango u ħutha,*

*mhux personalment, iżda fil-kwalità tagħhom qua eredi tad-defunta Mary Alamango",* liema distinzjoni ma kinitx tirriżulta fil-liġi anzi saħansitra tmur kontra prinċipju ewlieni tal-liġi tas-suċċessjoni. Is-soċjetà appellanta tkompli tispjega li d-differenza mhijiex waħda ta' *locus standi* iżda ta' *quantum,* għaliex il-ko-eredi iwieġeb biss *pro rata* għad-dejn tad-defunt sal-limitu tal-kwota ereditarja tiegħu. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ġaladarba t-Tribunal kien sab li hija kienet tassew ipprestat is-servizzi li tagħhom kien qed jintalab il-ħlas, huwa kien tenut jara min minn fost l-appellati kien responsabbli għall-ħlas. Hawnhekk tgħid m'hemmx dubju li għas-servizzi prestati lid-defunta Mary Alamango kellhom iwieġbu l-eredi tagħha, għaliex fin-nuqqas il-każ kellu jkun wieħed ta' arrikkiment indebitu, li fil-fatt ġie permess mit-Tribunal b'mod illoġiku u nġust fil-konfront tagħha. Dwar it-tieni aggravju, tispjega li dan jirrigwarda l-fatt li t-Tribunal għażel li jiskarta l-pożizzjoni partikolari ta' Nathalie Zammit Alamango u ta' Philip Alamango. Tirrileva li meta d-defunta ġiet ammessa fid-dar residenzjali għall-anzjani, Philip Alamango kien iffirma id-dokument intestat *"Purchasing/Services Consent Agreement",* u huwa kien saħansitra għaraf il-firma tiegħu fuq dan id-dokument waqt ix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Ġunju, 2021. Permezz ta' dan id-dokument, is-soċjetà appellanta tgħid li l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango kien aċċetta li hija kienet awtorizzata tippresta s-servizzi ndikati hemmhekk favur ommu Mary Alamanago, u huwa niżżel ukoll id-dettalji tiegħu u ffirma fis-sezzjoni *"next of kin or client details".* Is-soċjetà appellanta aċċennat ukoll għad-dettalji mogħtija mill-appellata Zammit Alamango u mill-istess imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango, filwaqt li tgħid li l-appellata Zammit Alamango ipprovdiet kopja tal-karta tal-identità tagħha. Tikkontendi li l-appellata Zammit Alamango u l-imsejjaħ fil-kawża Philip

Alamango għandhom obbligu *de iure proprio* u anki bħala eredi ta' ommhom peress li dawn kienu ndikaw lilhom infushom bħala '*payers'.* L-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango kien iffirma wkoll l-*Purchasing/Services Consent Agreement.* Għalhekk huma għandhom iwieġbu għall-ammont pretiż sħiħ. Is-soċjetà appellanta tirrileva wkoll li jekk l-appellata Zammit Alamango u l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango kellhom mandat mingħand l-imsejħin fil-kawża Nikita Zammit Alamango u Miriam Friggieri sabiex jindikaw isimhom bħala l-persuni responsabbli għall-ħlas, dawn ukoll għandhom iwieġbu *de iure proprio* għall-ammont li hija kienet qed titlob il-ħlas tiegħu. Tgħid li jekk imbagħad l-appellata Zammit Alamango u l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango ma kellhomx mandat, huma mxew bħala *falsus procurator,* u għandhom iwieġbu personalment. Dan tgħid huwa mingħajr preġudizzju għas-sottomissjoni tagħha li dawk fost il-partijiet l-oħra li huma eredi tad-*decujus,* għandhom iwieġbu *pro quota* għall-ammont tat-talba.

13. L-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango wieġeb li l-aggravji tas-soċjetà appellanta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għadda sabiex jispjega r-raġunijiet tiegħu. Qabel xejn, jirrileva li s-soċjetà appellanta ma ressqitx biżżejjed provi sabiex tistabbilixxi li l-allegata somma tassew hija dovuta, u jikkontendi li kull prova ppreżentata f'dawn il-proċeduri għandha tiġi sfilzata. Iżda jekk l-imsemmija somma hija dovuta, illum din tinstab preskritta *ai termini* tal-para. (b) tal-artikolu 2147 jew tal-para. (b) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili. Dwar il-mertu, jirrileva li kienet Mary Alamango li kellha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellanta, u għaldaqstant l-aħwa Alamango bħala l-eredi tagħha kellhom jissejħu f'dawn il-proċeduri, iżda mhux b'mod personali. Jgħid li d-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kwalitajiet saret mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu fl-ismijiet

**Avukat Dottor John Bonello *vs.* Christopher Bonello et** tad-9 ta' Jannar, 2019 fejn qal li *"xogħlu wettqu għal persuna li mhijiex il-konvenut u li l-ħlas relattiv mhux eżigibbli mill-istess konvenut".*

14. It-Tribunal ikkunsidra li mix-xhieda tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango, kien irriżulta li l-eredi tad-defunta huma l-appellata Zammit Alamango, l-imsejħa fil-kawża Miriam Friggieri li kienet irrinunzjat għall-wirt t'ommha, Manfred Alamango li kien diġà mejjet, u John Alamango li qatt ma ġie msejjaħ fil-kawża, iżda li fuqu l-partijiet kienu qablu li ma kienx hemm il-bżonn li jissejjaħ fil-kawża. It-Tribunal irrileva li l-proċeduri odjerni kellhom isiru kontra wlied id-defunta fil-kwalità tagħhom ta' werrieta tagħha, u hawnhekk l-eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango kienet korretta. Osserva li s-soċjetà appellanta kienet ikkunsidrat li l-persuni li tagħhom hija kellha l-*contact details* kienu l-werrieta tal-imsemmija defunta, u l-proċeduri odjerni saru biss kontra l-appellata Nathalie Zammit Alamango, meta dawn kellhom isiru kontrieha u kontra ħutha, iżda mhux personalment imma fil-kwalità tagħhom ta' eredi tad-defunta. B'hekk b'riferiment għal dak li qal l-istess Tribunal kif diversament ippresedut, fis-sentenza tiegħu tad-9 ta' Jannar, 2019, fl-ismijiet **Avukat Dottor John Bonello *vs.* Christopher Bonello et**, it-Tribunal aċċetta li l-imsejħa fil-kawża Nikita Zammit Alamango kellha raġun tirrileva li hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellanta. It-Tribunal stqarr li għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jikkunsidra l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni u anki jekk il-kalkoli matematiċi tas-soċjetà attriċi kienux korretti, u għadda sabiex laqa' l-ewwel eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango u l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża Nikita Zammit Alamango, filwaqt li llibera lil Miriam Friggieri mill-osservanza tal-ġudizzju.

15. Il-Qorti ma tikkunsidrax li t-Tribunal huwa korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Filwaqt li tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 940(1) tal-Kodiċi Ċivili, tgħid li t-Tribunal ma kellux għalfejn jiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellanta wara li din naqset milli ssejjaħ fil-kawża l-aħħar eredi John Alamango. Tikkunsidra li n-nuqqas tagħha fl-aħħar mill-aħħar kien riżultat tal-għażla libera tagħha stess, u ċertament kienet taf li l-għażla tagħha kienet ser ikollha effett fuq l-ammont eżegwibbli bis-saħħa tas-sentenza tat-Tribunal jekk dan kien ser jiddeċiedi li jilqa' it-talbiet tagħha. Fid-dawl tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 940(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tgħid li s-soċjetà appellanta għandha raġun tikkontendi li t-Tribunal ma kellux jasal sabiex jiċħad it-talbiet tagħha, iżda minflok kien tenut jinvestiga min mill-kontendenti l-oħra huwa responsabbli għall-ħlas pretiż skont is-sehem spettanti lilu mill-eredità tad-defunta.

16. Is-soċjetà appellanta madankollu m'għandhiex raġun meta filwaqt li tispjega t-tieni aggravju tagħha, tikkontendi li l-appellata Nathalie Zammit Alamango u l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango huma responsabbli personalment għall-ħlas tal-ammont pretiż. Il-Qorti ma taqbilx li meta l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango kiteb id-dettalji tiegħu u ffirma s-sezzjoni tal-*Purchasing Services Consent Agreement* intestata *'Next of kin or client details',* huwa kien b'xi mod qed jaċċetta li huwa responsabbli personalment għall-ħlas tas-servizzi li kienu ser jiġu reżi lid-defunta mis-soċjetà appellanta. Huwa daqstant ċar li l-klijent ta' din tal-aħħar kienet proprju d-defunta, u l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango kien qed jiffirma bħala *'next of kin'.* Imbagħad għal dak li jirrigwarda Nathalie Zammit Alamango, il-Qorti ma tikkunsidrax li l-fatt li din indikat isimha fl-istess ftehim taħt *'Payer's Details',* li hija kienet qegħda taċċetta li kienet responsabbli personalment lejn is-soċjetà appellanta għall-ħlas

tal-imsemmija servizzi. Tikkunsidra li l-intendiment ċar bejn il-partijiet hawnhekk kien sabiex is-soċjetà appellanta jkollha indikazzjoni ta' min kien ser jeżegwixxi l-ħlas għan-nom tar-residenta defunta għall-fini tal-amministrazzjoni tal-kont tagħha magħhom. Jekk imbagħad is-soċjetà appellanta kienet qegħda titlob iktar minn hekk, jiġifieri responsabbiltà personali tal-persuni ndikati bħala '*Next of kin'* jew *'client'* jew '*Payers',* dan kellha teżiġih u tindikah fil-ftehim b'mod espress u ċar. Fin-nuqqas, hija tista' biss teżiġi ħlas mingħand l-eredi tad-defunta skont is-sehem tagħhom mill-eredità tad-defunta, u f'dan il-każ l-eredi kontendenti jirriżulta, skont dak li ngħad fir-risposta tagħhom stess, li huma l-appellata Zammit Alamango u l-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango, stante li l-imsejħa fil-kawża Miriam Friggieri jirriżulta li kienet irrinunzjat għall-wirt ta' ommha defunta.[1]

17. Jonqos issa li l-Qorti tindirizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango, stante li l-appellata Zammit Alamango kienet irtirat l-eċċezzjoni tagħha waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2019, u dan kif miftiehem bejn l-avukat difensuri tal-partijiet skont il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2022. Huwa qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni tal-ammont pretiż a tenur tal-para. (b) tal-artikolu 2147 u/jew tal-para. (b) tal-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili.

18. Tibda billi tikkunsidra li s-subartolu 2160(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi kif ġej:

---

[1] Dok. MF1 a *fol.* 95 tal-atti tat-Tribunal.

> "(2) jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata."

19. Wara li rat l-atti tat-Tribunal, il-Qorti ma sabitx li dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt mill-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango, sabiex b'hekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata minnu ma tiswiex. Ġaladarba huwa mhux qiegħed jissolleva l-ebda eċċezzjoni oħra, il-Qorti tikkunsidra li huwa m'għandu l-ebda difiża oħra kontra l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta, u għalhekk għandu jiġi dikjarat debitur tagħha fis-sehem tiegħu spettanti mill-eredità tad-defunta. Din il-Qorti ssib L-istess fil-konfront tal-appellata Nathalie Zammit Alamango.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta limitatament kif ingħad hawn fuq, filwaqt li tbiddel is-sentenza appellata u minflok:**

**(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellata Zammit Alamango u dawk tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango;**

**(ii) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża Nikita Zammit Alamango, u tiddikjara li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà appellanta, u għaldaqstant tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**(iii) tillibera lill-imsejħa fil-kawża Miriam Friggieri mill-osservanza tal-ġudizzju fid-dawl tar-rinunzja tagħha tal-wirt ta' ommha; u**

**(iv) tilqa' it-talbiet tas-soċjetà appellanta fil-konfront tal-appellata Zammit Alamango u tal-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango fis-sehem ta' kwint indiviż kull wieħed mill-ammont pretiż ta' €2,052.54 (elfejn tnejn u ħamsin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmi), jiġifieri kull wieħed fl-ammont ta' erba' mija u għaxar Euro u ħamsin ċenteżmu (€410.50).**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza flimkien ma' dawk tal-ittra uffiċjali nru. 366/2018 u dawk tal-preżenti appell, għandhom jitħallsu nofs (1/2) mis-soċjetà appellanta u kwart (1/4) kull wieħed mill-appellata Zammit Alamango u mill-imsejjaħ fil-kawża Philip Alamango rispettivament.**

**L-imgħax għandu jiddekorri mid-data tar-rendikont maħruġ fil-5 ta' Settembru, 2017, meħmuż mal-Avviż tat-Talba.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**